✍ Christopher Bartolo,
is-Sagristan



# Se nagħmlu festa lill-qniepen tagħna

Waħda mill-affarijiet li l-komunita` Melliħija tant tapprezza hija d-daqq tal-qniepen tal-knejjes tagħna fil-festi u l-okkażjonijiet kollha reliġjużi. Dan bir-raġun għax, ħafna drabi, il-qniepen joħolqu atmosfera ferriħija u festiva. Għalkemm il-qniepen jidhru li huma kollha l-istess, kull qanpiena għandha d-daqq, il-piż u t-tonalita` partikulari tagħha. Minkejja dan, meta dawn jindaqqu bis-sengħa, dawn jistgħu jpaxxu lil dawk il-ħafna dilettanti tal-qniepen li għandna f'Malta u Għawdex. Fil-Mellieħa għandna wieħed mill-isbaħ settijiet ta' qniepen li jeżistu fil-Gżejjer Maltin.

Fl-antik, meta kienet tinbena xi knisja, mhux biss f'Malta u Għawdex iżda fid-dinja kollha, in-nies tal-lokal kienu jaħdmu u jistinkaw sabiex il-knisja kien ikollha l-qniepen tagħha wkoll. Waħda mir-raġunijiet prinċipali kienet li, fl-antik, il-qniepen tal-knejjes kienu neċessarji ħafna peress li huma kienu l-uniku mezz li bih kien jitwassal messaġġ jew sinjal lill-komunita` tal-lokal, ngħidu aħna, bħal pereżempju meta kien isir il-ħin tal-quddies jew ta' funzjonijiet oħra, il-ħin meta kellhom jieqfu biex jitolbu, għall-mistrieħ jew sabiex itemmu l-ħidma tagħhom tal-ġurnata.

Il-knisja prinċipali tal-komunita` Melliħija ta' żmien ilu, bħala parroċċa, kienet is-Santwarju u allura dan ifisser li din ukoll kellha sett ta' qniepen, pero` iżgħar minn dawk li hemm fil-knisja parrokkjali tal-lum. Fil-fatt, għall-grazzja t'Alla, dawn il-qniepen li jinsabu mdendlin fil-kampnar tas-Santwarju għadna ndoqquhom kemm fil-festa tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna kif ukoll f'okkażjonijiet oħra marbuta mas-Santwarju.

Jien dejjem ngħid li sa mill-qedem in-nies tal-parroċċa tagħna dejjem ħabbet u apprezzat l-importanza tas-servizz tad-daqq tal-qniepen. Tant hu hekk, li malli tlesta l-bini tal-knisja parrokkjali bil-kampnari tagħha, il-poplu tal-Mellieħa beda jaħseb u jiġbor il-flus sabiex jinxtraw il-qniepen għall-knisja. Din ix-xewqa tal-Melliħin inqatgħet wara ħafna stinkar u sagrifiċċji. Il-qniepen ġew ordnati u tlestew mid-ditta Baricozzi ta' Milan fis-sena 1925. Dawn waslu Malta u ngabu l-Mellieħa u fil-25 ta' Marzu tal-istess sena – fil-festa tal-Lunzjata – kellha ssir iċ-ċerimonja solenni tat-tberik tagħhom. Pero` ċ-ċerimonja kellha titħassar u ssir l-għada għaliex dakinhar inzertat ħafna xita u kien il-maltemp. Għalhekk it-tberik sar fis-26 ta' Marzu 1925 biċ-ċerimonja titmexxa mill-Arċisqof Mons.. Mauro Caruana. Ħafna nies li jiftakru din il-ġrajja sseħħ jgħidu li raw il-pjazza u t-triq tal-parroċċa maħnuqa u miżgħuda b'eluf ta' nies li attendew ħerqana sabiex jisimgħu l-ewwel tokki ta' dawn il-qniepen li tant kienu ilhom jistennew.

Waqt din iċ-ċerimonja, kull qanpiena ngħatat isem. Fis-sagristija tal-knisja, insibu vetrina żgħira li fiha hemm ħames tubi li jirrappreżentaw il-ħames qniepen li hemm fiż-żewġ kampnari. Kull tubu għandu t-tonalita` ta' xi waħda mill-qniepen. Fl-istess vetrina hemm ukoll dokument bl-isem u l-piż ta' kull waħda minnhom. Il-qanpiena l-kbira tiżen 42 qantar u 61 ratal, u ngħatat l-isem ta' Marija Vittoria. Ir-raba' qanpiena tiżen 21 qantar u 57 ratal, u ngħatat l-isem ta' San Pawl. It-tielet qanpiena tiżen 12-il qantar u ngħatat l-isem ta' San Antonio. It-tieni qanpiena tiżen 5 qnatar u 65 ratal, u ngħatat l-isem ta' San Ġużepp. Il-qanpiena ż-żgħira ngħatat l-isem ta' San Franġisk. Jingħad li din il-qanpiena ngħatat l-isem ta' dik il-benefattriċi li ħallset l-ispejjeż kollha tagħha. Din il-qanpiena għandha tonalita` ferriħija u kull meta tmut xi tarbija mill-parroċċa tagħna, tindaqq hi. F'dawn il-każi, il-qanpiena tindaqq b'mod differenti minn meta jmut xi ħadd adult u din it-tħabbira tissejjaħ "frejħa".

Ta' min ifakkar li f'Marzu li ġej, dawn il-ħames qniepen jagħlqu 90 sena. Tul dawn is-snin kollha, dawn tawna servizz fejjiedi. Ħabbrulna kemm okkażjonijiet ta' ferħ kif ukoll ta' niket bħal meta bit-tokki kiebja tagħhom wennsuna u kkonfortawna fil-mumenti meta l-familji tagħna tilfu lil xi ħadd għażiż għalihom. Fuq stedina tal-Kappillan Dun Joe Caruana, tiegħi u tal-Grupp tal-Qniepen, ser infakkru dan l-anniversarju tant importanti għalina l-Melliħin billi norganizzaw



"open day" mifruxa fuq jumejn – is-Sibt u l-Ħadd, 21 u 22 ta' Marzu 2015. F'din l-okkażjoni, il-komunita` Mellieħija, kif ukoll il-Maltin u l-Għawdxin ser ikollhom l-opportunita` li jitilgħu fiż-żewġ kampnari u jaraw mill-qrib dawn il-qniepen li normalment nisimgħuhom biss u narawhom mill-bogħod ħafna. Hu maħsub ukoll li matul it-taraġ li jagħti għall-kampnari tittella' esibizzjoni marbuta mal-knisja u, naturalment, ma' dawn il-qniepen. Imbagħad, nhar is-26 ta' Marzu ssir quddiesa ta' ringrazzjament organizzata mill-Grupp tal-Qniepen li fiha rroddu ħajr lil Alla tal-ġid kollu li sar bis-saħħa ta' dawn il-qniepen kif ukoll li matul dawn is-snin kollha dejjem instabu u għadna nsibu rġiel u żgħażagħ Mellieħin sabiex jiddedikaw ftit mill-ħin liberu tagħhom u tal-familji tagħhom biex jitilgħu fil-kampnari u jsemmgħulna t-tonijiet u l-ilħna ta' dawn il-ħames qniepen, li tant huma għal qalb il-Mellieħin.

Peress li bħala sagristan għandi l-obbligu u d-dover li ndoqq u nieħu ħsieb dawn il-qniepen, f'din l-okkażjoni nixtieq nirringrazzja lill-membri kollha li f'dawn l-aħħar 38 sena, kemm ilni sagristan, servew fil-Grupp tal-Qniepen. Nżżi ħajr b'mod speċjali lill-grupp preżenti li tant qiegħed jaħdem sabiex l-anniversarju li ser infakkru s-sena d-dieħla jilħaq l-iskop tiegħu u bih jitħajru iżjed irġiel u żgħażagħ jagħtu ftit ħin sabiex idoqqu u jieħdu ħsieb il-qniepen tagħna. Xieraq ukoll li niftakru f'xi sagristani li kellhom id-dover bħali sabiex isibu nies li jkunu jistgħu jiddedikaw ftit ħin għad-daqq tal-qniepen, speċjalment fil-festi l-kbar. Nixtieq niftakar ukoll fil-benefatturi li kienu ġenerużi u kkontribwew għal dawn il-qniepen. Niftakru wkoll f'dawk in-nies li m'għadhomx magħna u li matul dawn id-90 sena għenu sabiex dawn il-qniepen jindaqqu u jkomplu jsemmgħu leħinhom fil-parroċċa tagħna.





Jalla l-Mulej Ġesu` jbierek il-ħidma tagħna u jagħtina l-għajnuna sabiex nibqgħu nsibu nies iddedikati li jgħinuna f'kull ħaġa li tiġi organizzata fil-parroċċa tagħna. Jalla wkoll, l-anniversarju li ġej jilħaq l-iskop tiegħu kif mixtieq.